**251. Il-Ministru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura l-Onor. Michael Falzon, jipproponi:**

"Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Korporazzjoni Telemalta għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Ottubru 1990 sat-30 ta' Settembru 1991 skont l-Att XVI tal-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta.

Illi wkoll skont l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta, l-Kamra tapprova bħala Estimi Supplimentari dak l-infiq għas-sena finanzjarja 1989/90 li hu stmat mill- Korporazzjoni Telemalta li se jaċċedi l-ammont totali ta' infiq approvat mill-Kamra għall-istess sena, kif jidher dettaljat fl-estimi għas-sena finanzjarja 1990/91 taħt il-kolonna msemmija "Revised Estimates October 1989 - September 1990".

26.09.1990